

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2003**tal-14 ta' Novembru 2016****li temenda d-Deċiżjonijiet 2009/300/KE, 2011/263/UE, 2011/264/UE, 2011/382/UE, 2011/383/UE, 2012/720/UE u 2012/721/UE sabiex tittawwal il-validità tal-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE lil ċerti prodotti***(notifikata bid-dokument C(2016) 7218)***(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar skema ta' Ekotikketta tal-UE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(3)(c) tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Bord tal-Unjoni Ewropea għat-Tikkettar Ekoloġiku,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/300/KE ⁽²⁾ tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2016.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/263/UE ⁽³⁾ tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2016.
- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/264/UE ⁽⁴⁾ tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2016.
- (4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/382/UE ⁽⁵⁾ tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2016.
- (5) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/383/UE ⁽⁶⁾ tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2016.
- (6) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/720/UE ⁽⁷⁾ tiskadi fl-14 ta' Novembru 2016.
- (7) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/721/UE ⁽⁸⁾ tiskadi fl-14 ta' Novembru 2016.
- (8) Saret valutazzjoni li tikkonferma r-rilevanza u l-adegwatezza tal-kriterji ekoloġiċi attwali, kif ukoll tar-rekwiżiti korrispondenti ta' valutazzjoni u verifika, stabbiliti bid-Deċiżjonijiet 2009/300/KE, 2011/263/UE, 2011/264/UE, 2011/382/UE, 2011/383/UE, 2012/720/UE u 2012/721/UE. Billi għadha għaddeja r-reviżjoni tal-kriterji ekoloġiċi attwali u tar-rekwiżiti korrispondenti ta' valutazzjoni u verifika relatati stabbiliti f'dawk id-Deċiżjonijiet, jixraq li l-perjodi ta' validità ta' dawk il-kriterji ekoloġiċi u tar-rekwiżiti korrispondenti ta' valutazzjoni u ta' verifika jittawlu sal-31 ta' Diċembru 2017. Għaldaqstant, id-Deċiżjonijiet Nri 2009/300/KE, 2011/263/UE, 2011/264/UE, 2011/382/UE, 2011/383/UE, 2012/720/UE u 2012/721/UE għandhom jiġu emendati skont dan.

⁽¹⁾ ĠUL 27, 30.1.2010, p. 1.⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/300/KE tat-12 ta' Marzu 2009 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi riveduti għall-għotja tal-Ekotikketta Komunitarja lit-televiżjonijiet (ĠUL 82, 28.3.2009, p. 3).⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/263/UE tat-28 ta' April 2011 dwar l-istabbiliment ta' kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE lil deterġenti għall-magni tal-ħasil tal-platti (ĠUL 111, 30.4.2011, p. 22).⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/264/UE tat-28 ta' April 2011 dwar l-istabbiliment ta' kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE lil deterġenti għall-ħasil tal-ħwejjeġ (ĠUL 111, 30.4.2011, p. 34).⁽⁵⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/382/UE tal-24 ta' Ġunju 2011 dwar l-istabbiliment ta' kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE lil deterġenti għall-ħasil tal-platti bl-idejn (ĠUL 169, 29.6.2011, p. 40).⁽⁶⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/383/UE tat-28 ta' Ġunju 2011 dwar l-istabbiliment ta' kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE lil deterġenti tat-tindif b'użi multipli u deterġenti tat-tindif sanitarji (ĠUL 169, 29.6.2011, p. 52).⁽⁷⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/720/UE tal-14 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE lil Deterġenti għall-Magni Awtomatiċi tal-ħasil tal-Platti Industrijali u Istituzzjonali (ĠUL 326, 24.11.2012, p. 25).⁽⁸⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/721/UE tal-14 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE lil Deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ Industrijali u Istituzzjonali (ĠUL 326, 24.11.2012, p. 38).

- (9) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 66/2010,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2009/300/KE jinbidel b'li ġej:

“Artikolu 3

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti “televiżjonijiet”, u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati, jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2017.”

Artikolu 2

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2011/263/UE jinbidel b'li ġej:

“Artikolu 4

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti “deterġenti għall-magni tal-ħasil tal-platti”, u r-rekwiżiti relatati ta' valutazzjoni u verifika, jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2017.”

Artikolu 3

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2011/264/UE jinbidel b'li ġej:

“Artikolu 4

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti “deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ”, u r-rekwiżiti relatati ta' valutazzjoni u verifika, jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2017.”

Artikolu 4

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2011/382/UE jinbidel b'li ġej:

“Artikolu 4

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti tad-“deterġenti għall-ħasil tal-platti bl-idejn”, u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u verifika marbutin magħhom, jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2017.”

Artikolu 5

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2011/383/UE jinbidel b'li ġej:

“Artikolu 4

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti “deterġenti tat-tindif b'użi multipli u deterġenti tat-tindif sanitarji”, u r-rekwiżiti relatati ta' valutazzjoni u verifika, jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2017.”

Artikolu 6

L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2012/720/UE jinbidel b'li ġej:

“Artikolu 3

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti tad-“deterġenti għall-ħasil tal-platti bil-magni industrijali u istituzzjonali awtomatiċi”, u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika marbutin magħhom, jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2017.”

Artikolu 7

L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2012/721/UE jinbidel b'li ġej:

“Artikolu 3

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti tad-“deterġenti għall-ħasil tal-ħwejjeġ industrijali u istituzzjonali”, u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika marbutin magħhom, jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2017.”

Artikolu 8

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Novembru 2016.

Għall-Kummissjoni
Karmenu VELLA
Membru tal-Kummissjoni
